



---

TESTI ADOTTATI

---

**P8\_TA(2016)0489**

**Il-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni KE/Uzbekistan u l-kummerċ bilaterali fit-tessuti \*\*\***

**Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni li jistabbilixxi sħubija bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Uzbekistan, min-naħa l-oħra, li jemenda l-Ftehim sabiex jestendi d-dispożizzjonijiet tal-Ftehim għall-kummerċ bilaterali fit-tessuti, b'konsiderazzjoni tal-iskadenza tal-Ftehim bilaterali dwar it-tessuti (16384/1/2010 – C7-0097/2011 – 2010/0323(NLE))**

**(Approvazzjoni)**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (16384/1/2010),
- wara li kkunsidra l-abbozz tal-Protokoll dwar il-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni li jistabbilixxi sħubija bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Uzbekistan, min-naħa l-oħra, li jemenda l-Ftehim biex jestendi d-dispożizzjonijiet tal-Ftehim għall-kummerċ bilaterali tat-tessuti, filwaqt li titqies l-iskadenza tal-Ftehim bilaterali dwar it-tessuti (16388/2010),
- wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni preżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 207 u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (a)(v), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C7-0097/2011),
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni interim tiegħu tal-15 ta' Diċembru 2011<sup>1</sup> dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni mhux leġislattiva tiegħu tal-14 ta' Diċembru 2016<sup>2</sup> dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 99(1), l-ewwel u t-tielet subparagrafi, l-Artikolu 99(2) u l-Artikolu 108(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

---

<sup>1</sup> ĠU C 168 E, 14.6.2013, p. 195.

<sup>2</sup> Testi adottati, P8\_TA(2016)0490.

- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A8-0332/2016),
- 1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-Protokoll;
- 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u tar-Repubblika tal-Uzbekistan.